MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1368/2003

**Antoine Vassallo li jiggestixxi d-ditta “Antoine Auto Dealer”**

**vs**

**Cristino u Mary konjugi Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta’ Lulju, 2003 fejn intalab li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti Cristino u Mary konjugi Abela biex ihallsu s-somma ta’ elf u mija u erbgha u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1144.20) rapprezentanti l-import ta’ ghaxar (10) kambjali dovuti u skaduti rigwardanti l-vettura tal-ghamla “Peugeot 405” Reg. No. DAN-863 mibjugha u konsenjata mill-attur lill-konvenuti, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mill-iskadenza ta’**

**kull kambjala kontra l-istess konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti, prezentata fit-13 t'Awissu, 2003, fejn intqal:**
**Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-ammont pretiz thallas meta fin-negozju ghax-xiri tal-vettura DAN-863 ghall-prezz ta' sitt t'elef u tmien mitt lira (Lm6,800), il-konvenuti taw lill-attur il-vettura Hyundai Pony JAD-636 li giet valutata ghas-somma ta' elf u mitejn lira (Lm1200) liema hlas akkont l-attur naqas milli jnaqqas mill-prezz fuq imsemmi;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Mary Abela, Antoine Vassallo u John Sultana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' elf mija u erbgha u erbghin lira Maltija u ghaoxrin centezmu (Lm1144.20) rapprezentanti import ta' hdax-il kambjala dovuta fuq il-bejgh tal-vettura Peugeot 405 numru ta' registrazzjoni DAN-863.**
**2. Il-konvenut qed jeccepixxi l-pagament u dana peress li l-istess konvenut ta lill-attur il-vettura Hyundai Pony numru ta' registrazzjoni JAD-636 valutata elf u mitejn lira (Lm1200).**
**3. Jirrizulta illi kienet saret skrittura Dok.AV11 bejn il-partijiet, u kien hemm previst il-hlas fuq perijodu ta' sittin xahar fuq is-somma ta' hames t'elef u mitejn lira (Lm5200), filwaqt li giet accettata bhala part exchange l-vettura Hyundai Pony li giet valutata ghal prezz ta' elf u sitt mitt lira (Lm1600).**
**4. Jirrizulta li l-konvenuti talbu li jaraw il-ftehim ta' permuta li ghalih saret referenza. Dana jirrizulta mid-Dok.AV11 innifsu, fejn hemm referenza ghall-"part-exchange ma' Hyundai JAD-636 valued Lm1600." Huwa car li l-bejgh kien qed isir bis-somma ta' sitt telef u tmien mitt lira (Lm6800). Il-kuntratt gie ffirmat mill-partijiet.**

**5. Jirrizulta li saru pagamenti mit-30 ta' Ottubru, 1999 sas-6 ta' Novembru, 2002, u dana skond il-prospett a fol-17 u 18 tal-process. Jigi li l-kambjali li thallsu kienu dawk sat-30 ta' Settembru, 2002.**

**6. Dwar l-eccezzjoni li sar l-pagament, il-konvenuti naqsu milli jressqu provi li juru bic-car li dana fil-fatt sar.**

**7. Mil-lat l-iehor jirrizulta li skond il-ftehim li kien hemm mal-Bank of Valletta, jekk il-klijent jonqos fil-pagamenti, il-Bank kien idur fuq l-attur ghal dawk il-pagamenti mankati, u kien ghalhekk jghaddi l-kambjali tal-ammonti li jhallas l-attur lill-attur, biex dan ikun jista' jipprocedi kontra l-konvenuti.**

**8. Ma hemmx dubbju illi mill-ammont mitlub trid titnaqqas, skond ma jikkonferma l-istess attur, is-somma ta' mija u erbatax-il lira u tnejn u sittin centezmu (Lm114.62) li tirriferi ghar-ricevuta imsemmija a fol-18 tal-process.**

**9. Referibilment ghall-kambjali numri 30 sa 36 jirrizulta li l-konvenut kien baghat lil Joe Sultana, kollettur tieghu, ghand il-konvenuti biex dawn ihallsu.**

**10. Skond Sultana, l-attur, meta sar il-bejgh, kien inghata depozitu ta' elf u sitt mitt lira (Lm1600) li kienu inghataw minn omm il-konvenut. It-Tribunal ma jistghax ma jinnutax li ma hemm ebda konferma dwar li dan l-ammont thallas kif inghad. L-istess Sultana jaghmel referenza ghall-vettura li giet valutata elf u mitejn lira u jghid li din qatt ma giet imnaqqsa mill-ammont dovut. Dak li qal Sultana ma giet sustanzjat b'ebda mod.**

**11. It-Tribunal ma jistghax hlief joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fir-rigward hemm b'certezza il-kambjali li ma thallsux Dok.AV2 sa Dok.AV10. Hemm ukoll il-fatt li l-attur accetta il-vettura tal-konvenuti bi tpartit.**

**12. Ghalhekk mill-ammont mitlub iridu jitnaqqsu l-mija u erbatax-il lira u tnejn u sittin centezmu (Lm114.62) imsemmija u jibqa' dovut l-ammont ta' elf u disgha u ghoxrin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm1029.58).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata kif inghad, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' elf u disgha u ghoxrin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm1029.58) u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil-attur fil-kwalita` tieghu premessa is-somma ta' elf u disgha u ghoxrin lira u tmienja u hamsin centezmu (Lm1029.58) bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala relativa.**

**Fic-cirkostanzi pertikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------